Parlament Ewropew
2014-2019

Dokument ta' sessjoni

A8-0067/2016

23.3.2016

***

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra
(11634/2015– C8-0377/2015 – 2015/0152(NLE))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Marco Affronte

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA 6

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS 14

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP 17

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI 19

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra (11634/2015 – C8-0377/2015 – 2015/0152(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11634/2015),

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra (11633/2015),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 43, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), u l-Artikolu 218(7), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0377/2015),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0067/2016),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u ta' Greenland.

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Introduzzjoni

Fis-snin reċenti, l-UE iffirmat għadd ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd u Protokolli ma' 'pajjiżi terzi'. Permess tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd, l-UE tagħti appoġġ finanzjarju u tekniku u tirċievi drittijiet ta' sajd b'rabta ma' varjetà wiesgħa ta' stokkijiet tal-ħut fiż-żona ekonomika esklussiva tal-pajjiż sieħeb.

Jeżisti ftehim ta' sħubija dwar is-sajd speċifiku mal-Gvern tad-Danimarka u mal-gvern awtonomu ta' Greenland, li minn hawn 'l isfel se jissejjaħ il-Ftehim UE/Greenland[1].

Greenland[2] oriġinarjament ngħaqdet mal-Komunitajiet Ewropej (KE) bħala parti mid-Danimarka fl-1973, iżda ħarġet mill-KE wara li seħħ referendum fl-1985. Illum, Greenland hija wieħed mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT) tal-Unjoni, skont it-tifsira tal-Artikolu 355(2) tat-TFUE. Ir-relazzjoni tagħha mal-UE hija primarjament irregolata mill-Artikoli 198 sa 204 tat-TFEU, mill-Protokoll Nru 34 dwar Arranġamenti Speċjali għal Greenland (anness mat-TFEU) u mis-sħubija UE-Greenland, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/526/KE.

Fl-1979, id-Danimarka tat gvern awtonomu lil Greenland, u wara li seħħ referendum fl-2008, il-funzjonijiet governattivi kollha huma f'idejn il-gvern awtonomu ta' Greenland ħlief dawk relatati mad-difiża, l-ispezzjoni tas-sajd lil hinn mill-ilmijiet territorjali, il-kwistjonijiet kostituzzjonali, il-politika dwar il-munita u dik monetarja, li għadhom f'idejn id-Danimarka.

Sajd fi Greenland

Il-Ministeru tas-Sajd, il-Kaċċa u l-Agrikoltura (MFHA) għandu r-responsabilità ġenerali għall-politika dwar is-sajd u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ħut fi Greenland, u l-Istitut tar-Riżorsi Naturali jipprovdi l-bażi bijoloġika għal pariri ta' ġestjoni tas-sajd lill-MFHA.

L-iktar sajd importanti għal Greenland huwa s-sajd bit-tkarkir għall-gamblu tat-Tramuntana, il-ħalibatt ta' Greenland, il-merluzz u r-redfish. Fl-2012, il-ħatt l-art ta' bastimenti lil hinn mill-kosta kien ivvalutat għal madwar EUR 200 miljun filwaqt li l-qbid qrib il-kosta kien ivvalutat għal EUR 110 miljun, u l-ħalibatt u l-gambli ta' Greenland ammontaw għal iktar minn 40 % tal-valuri totali. Il-kavalli jikkostitwixxu sajd emerġenti bi qbid fl-2012 ta' 5000 tunnellata, u kwota unilateralment iddikjarata fl-2014 ta' 100 000 tunnellata. Is-settur tal-qbid ta' Greenland ipprovda impieg għal 1238 sajjied ekwivalenti ta' ingaġġ full-time (FTE) fl-2011.[3]

---

[1] Minn hawn 'l isfel, meta nirreferu għal 'Greenland' fil-kuntest tal-Ftehim/Protokoll jew Protokoll ġdid possibbli, 'Greenland' għandha tinftiehem bħala l-Gvern tad-Danimarka u l-gvern awtonomu ta' Greenland.

[2] Greenland hija l-ikbar gżira fid-dinja u għandha Żona Ekonomika Esklussiva (ŻEE) ta' kważi 2.2 miljun km2.

[3] "Ex post and ex ante evaluation of the Protocol to the Fisheries Partnership Agreement between the EU, and the Government of Denmark and the Home Rule Government of Greenland" (Evalwazzjoni ex post u ex ante tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland) -Ref. Ares(2014)2354482 - 15/07/2014 : L-evalwazzjoni ex post tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd ma' Greenland seħħ f'isem il-Kummissjoni għall-perjodu 2013-2015.

Il-ħut jammonta għal kważi 90 % tal-esportazzjonijiet. Virtwalment l-esportazzjonijiet kollha ta' ħut ta' Greenland huma ddestinati lejn l-UE, u d-Danimarka tirrappreżenta iktar minn 90 % tal-importazzjonijiet tal-UE. Il-gambli ffriżati, il-ħalibatt ta' Greenland u l-merluzz huma l-iktar esportazzjonijiet importanti.

Ftehim ta' sħubija bejn l-UE u Greenland

Il-ftehim inizjali dwar is-sajd bejn l-UE minn naħa u l-Gvern tad-Danimarka u l-gvern awtonomu ta' Greenland min-naħa l-oħra sar fl-1985. Dan il-ftehim kien attiv għal perjodu ta' għaxar snin u mbagħad ġie estiż għal perjodu addizzjonali ta' sitt snin sakemm eventwalment ġie sostitwit bil-Ftehim attwalment fis-seħħ.

Dan il-Ftehim bejn il-partijiet ġie inizjalat f'Ġunju 2006, u daħal fis-seħħ b'mod provviżorju fl-1 ta' Jannar 2007 għal perjodu ta' sitt snin (sal-31 ta' Diċembru 2012) b'perjodi ta' tiġdid ta' sitt snin (imġedda awtomatikament sal-31 ta' Diċembru 2018). Ġie adottat fil-liġi tal-UE bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 753/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007.

Huwa ftehim imħallat li jagħti lill-bastimenti tal-UE aċċess għal varjetà wiesgħa ta' stokkijiet tal-ħut fiż-ŻEE ta' Greenland.

Il-Protokoll inizjali mal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd applika għal sitt snin, mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012. Il-Protokoll attwali applika mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2015 għal perjodu ta' tliet snin[1]. Id-dewmien tal-Protokoll attwali tqassar sabiex ir-rinegozjar tal-Protokoll jiġi allinjat mat-tiġdid u/jew ir-reviżjoni ta' strumenti politiċi oħra rilevanti tal-UE, jiġifieri l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), id-deċiżjoni dwar l-assoċjazzjoni estra-Ewropea u l-Inizjattiva ta' Sħubija UE-Greenland.

Il-Protokoll attwali jipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ta' EUR 17.85 miljun fis-sena, inkluż:

a) ammont annwali għall-aċċess għaż-ŻEE ta' Greenland ta' EUR 15.1 miljun (ikkalkulat abbażi tal-prezzijiet ta' referenza għal kull speċi) inkluża riżerva finanzjarja ta' EUR 1.5 miljun għal kwantitajiet addizzjonali ta' speċi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni minn Greenland.

b) ammont speċifiku ta' EUR 2.74 miljun provdut b'appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd ta' Greenland. L-appoġġ għall-politika settorjali jinqasam fi tliet oqsma ewlenin: amministrazzjoni (peż. żvilupp tal-ħiliet); kontroll u infurzar; u riċerka xjentifika u pariri.

L-UE tħallas kumpens finanzjarju annwali fiss għall-aċċess indipendentement mill-opportunitajiet ta' sajd miftiehma permezz tal-Protokoll. Jekk l-opportunitajiet ta' sajd miftiehma jkunu iktar baxxi mill-opportunitajiet ta' sajd indikattivi deskritti fil-Protokoll, imbagħad il-Protokoll jipprevedi li Greenland jew tipprovdi opportunitajiet ta' sajd differenti ekwivalenti lill-UE għas-sena kkonċernata, jew tikkumpensa lill-UE s-sena ta' wara.

[1] Protokoll tal-UE tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/653/UE

Evalwazzjoni tal-Protokoll attwali:

Il-Ftehim ma' Greenland huwa t-tielet l-iktar ftehim importanti għall-UE f'termini tal-valur ekonomiku tiegħu.

L-evalwazzjoni *ex post* u *ex ante*[1] tal-Protokoll attwali, imwettqa f'isem il-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel nofs tal-2014 u ppubblikat f'Lulju 2014, tipprovdi xi sejbiet ewlenin dwar l-effiċjenza tal-Protokoll attwali, għalkemm kif semmiet il-Kummissjoni[2], din tiffoka biss fuq l-ewwel mit-tliet snin ta' implimemtazzjoni tal-Protokoll attwali.

Il-konklużjoni ewlenija tar-rapport hija "*li jkun fl-interess kemm tal-UE kif ukoll ta' Greenland li jiġġedded il-Protokoll, li l-Protokoll jipprovdi benefiċċji ekonomiċi importanti liż-żewġ Partijiet, u jgħin biex tiġi żgurata koerenza ma' attivitajiet oħra ta' sajd tal-UE f'partijiet oħra fl-istess reġjun*".

B'mod ġenerali, l-objettivi tal-Ftehim intlaħqu. Eċċezzjonijiet importanti jinkludu: kwoti miftiehma ta' merluzz lil hinn mill-kosta li ma jkunux konsistenti mal-parir tal-ICES, għalkemm jiġi nnutat li d-data miġbura mis-sajd se tintuża biex tittejjeb il-ġestjoni tal-istokkijiet; provvista limitata ta' ħatt tal-ħut lejn Greenland; u l-ħolqien ta' impjieg limitat fi Greenland.

S'issa, il-Protokoll iġġenera benefiċċji sinifikanti għall-UE. Il-bastimenti tas-sajd tal-UE kisbu aċċess għal opportunitajiet importanti ta' sajd fi Greenland, kif ukoll fin-Norveġja u l-Gżejjer Faeroe permezz tal-ftehmiet tat-Tramuntana tal-UE. L-użu ta' opportunitajiet ta' sajd Greenlandiżi miftiehma minn bastimenti tal-UE kien għoli, bl-eċċezzjoni tal-isnow crab, il-kapelin, il-ħalibatt tal-Atlantiku u, b'mod iktar limitat, il-gamblu tat-Tramuntana.

Fl-2013, il-Protokoll iġġenera EUR 10 miljuni f'valur miżjud dirett lis-settur tal-qbid tal-UE li rriżulta minn opportunitajiet tas-sajd fi Greenland, b'EUR 12-il miljun f'valur miżjud indirett fis-setturi upstream u downstream tal-UE. Valur miżjud addizzjonali jkun iġġenerat minn opportunitajiet ta' sajd fin-Norveġja. Valur miżjud indirett ġenerat fi Greenland kien limitat, billi l-maġġoranza tal-bastimenti ta' sajd tal-UE ma użawx il-portijiet ta' Greenland. Madankollu, il-Protokoll iġġenera benefiċċju addizzjonali għal Greenland fil-forma ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-UE u miżati ta' awtorizzazzjoni minn bastimenti ta' sajd tal-UE, billi Greenland rċeviet ħlasijiet totali għal kull tunnellata ekwivalenti għal terz tad-dħul tas-setturi ta' qbid tal-UE mill-opportunitajiet ta' sajd fi Greenland. Il-prodotti tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-UE ma ġewx ipproċessati fi Greenland u ma daħlux fis-suq intern tagħha, għal raġunijiet li jinkludu preżżijiet ta' ħatt komparattivament iktar baxxi. Barra minn

[1] "Ex post and ex ante evaluation of the Protocol to the Fisheries Partnership Agreement between the EU, and the Government of Denmark and the Home Rule Government of Greenland –Final Report" (Evalwazzjoni ex post u ex ante tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-UE u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland –Rapport finali) (11 ta' Lulju 2014), Ref.Ares(2014)2354482 - 15/07/2014

[2] Greenland FPA evaluation Working Document (Dokument ta' ħidma dwar l-evalwazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ta' Greenland), Kummissjoni Ewropea

hekk, hemm użu limitat ħafna tal-portijiet ta' Greenland u ta' servizzi upstream oħrajn. F'termini ta' impjieg, il-Protokoll iġġenera impjieg ekwivalenti għal 106 FTE fis-settur tal-qbid tal-UE, 75 % u 10 % minnhom kienu ċittadini tal-UE u ta' Greenland rispettivament. S'issa, il-Protokoll iġġenera benefiċċji sostanzjali għaż-żewġ Partijiet.

Il-fondi ta' appoġġ settorjali tal-UE ipprovdew appoġġ sostanzjali għal għadd ta' attivitajiet li huma essenzjali biex Greenland jirnexxielha ġġestixxi u tikkontrolla s-sajd tagħha. Dawn l-attivitajiet jinkludu: appoġġ tal-ġbir u l-analiżi ta' data tas-sajd minn inkjesti indipendenti; parteċipazzjoni ta' staff minn Greenland f'laqgħat xjentifiċi u tekniċi ta' NAFO u ICES; u kontroll ta' sajd qrib il-kosta u lil hinn mill-kosta. Madankollu, f'xi oqsma, l-użu ta' dawn il-fondi kien iffukat bis-saħħa fuq is-salarji. Il-kumpens finanzjarju tal-UE għall-aċċess ma ġiex allinjat bis-sħiħ mal-qbid, minħabba rati baxxi ta' użu għal xi speċi. Barra minn hekk, il-miżati ta' awtorizzazzjoni mill-proprjetarji ta' bastimenti tal-UE kienu għoljin meta mqabbla mal-profitti ġenerati permezz tal-Protokoll mis-settur tal-qbid. Madankollu b'mod ġenerali, il-Protokoll iġġenera valur miżjud dirett u indirett ta' EUR 1.6 għal kull EUR 1 ta' ħlas mill-UE u mill-propretarji tal-bastimenti tal-UE.

Kien hemm konformità sħiħa mal-maġġoranza tal-patti u obbligi ewlenin tal-Protokoll. Eċċezzjonijiet notevoli kienu jinkludu: in-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' sistema elettronika ta' rappurtar tal-qbid; u opportunitajiet ta' sajd miftiehma li ma qisux bis-sħiħ il-pariri xjentifiċi u l-approċċ prekawzjonarju.

Analiżi tal-Protokoll il-ġdid

Bis-saħħa tal-mandat tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2014[1], il-Kummissjoni Ewropea kellha tliet rawnds ta' negozjati[2] mal-Gvern ta' Greenland, inklużi rappreżentanti mill-Gvern tad-Danimarka, biex iġeddu l-Protokoll minħabba l-iskadenza tal-Protokoll attwali fil-31 ta' Diċembru 2015. Mal-konklużjoni ta' dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fl-20 ta' Marzu 2015. Dan il-Protokoll ikopri perjodu ta' ħames snin li jibda mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu (jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu u minn wara l-1 ta' Jannar 2016).

Fis-16 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposti għat-tiġdid tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-gvern awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra.

Il-Protokoll il-ġdid jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ta' EUR 17.8 miljun fis-sena, li tinkludi:

a) ammont annwali għall-aċċess għaż-ŻEE ta' Greenland ta' EUR 13.17 miljun (ikkalkulat abbażi tal-prezzijiet ta' referenza għal kull speċi) inkluża riżerva finanzjarja ta' EUR 1.7 miljun għal kwantitajiet addizzjonali ta' speċi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni minn Greenland.

b) ammont speċifiku ta' EUR 2.931 miljun provdut b'appoġġ għall-politika settorjali tas-sajd ta' Greenland. L-appoġġ għall-politika settorjali jinqasam fi tliet oqsma ewlenin: amministrazzjoni (eż. żvilupp tal-ħiliet); kontroll u infurzar; u riċerka xjentifika u pariri.

[1] Adottat waqt it-3333 laqgħa tal-Kunsill (għall-Kompetittività) fil-25 ta' Settembru 2014
[2] Ottubru 2014 (Nuuk); Novembru 2014 (Brussell); 17 sa 20/3/2015 (Copenhagen)

Jekk l-opportunitajiet ta' sajd ikunu inqas minn dawk murija fit-Tabella 1, Greenland hija mistennija tikkumpensa għad-defiċit. Kwalunkwe qbid inċidentali minn bastimenti tal-UE għandu jkun limitat għal 10 % tal-istokk immirat, minbarra l-Gamblu tat-Tramuntana (livelli tal-qbid inċidentali limitati għal 5 %).

Tabella 1: Livell ta' opportunitajiet ta' sajd fil-Protokoll attwali u ġdid (t/fis-sena):

Partijiet tal-istokk	**Protokoll Attwali**	**Protokoll Ġdid**
	2013-2015	**2016-2020**
Merluzz (fiż-żoni V, XII u XIV tal-ICES u fiż-żona 1F tan-NAFO)	2200[1]	1800
Redfish pelaġiku (Subżoni XIV u V tal-ICES, Subżona 1F tan-NAFO)	3000	2200
Redfish demersali (Subżoni XIV u V tal-ICES, Subżona 1F tan-NAFO)	2000	2000
Ħalibatt ta' Greenland - (Subżona 1 tan-NAFO – Nofsinhar ta' 68°Tramuntana)	2500	2500
Ħalibatt ta' Greenland (Subżoni XIV u V tal-ICES)	4315	5200
Gamblu tat-Tramuntana (Subżona 1 tan-NAFO)	3400	2600
Gamblu tat-Tramuntana (Subżoni XIV u V tal-ICES)	7500	5100
Ħalibatt tal-Atlantiku (Subżona 1 tan-NAFO)	200	-
Ħalibatt tal-Atlantiku (Subżoni XIV u V tal-ICES)	200	-
Snowcrab (Subżona 1 tan-NAFO)	250	-
Kapelin (Subżoni XIV u V tal-ICES)	60000	20000
Grenadieri spp. (Subżoni XIV u V tal-ICES)	100	100
Grenadieri spp. (Subżona 1 tan-NAFO)	100	100
Qabdiet inċidentali	2300	1126

[1] Merluzz fis-Subżona XIV tal-ICES u fis-Subżona 1 tan-NAFO

It-tnaqqis ta' xi kwoti, fuq kollox tal-kapelin minn 60000 għal 20000, mhuwiex dovut għal tnaqqis fil-bijomassa jew għal xi problemi ta' sostenibilità, iżda huwa relatat ma' kwoti għolja mħallsa fil-passat bi qligħ parzjali f'termini ta' qbid reali.

Pożizzjoni tar-Rapporteur

Ir-rapporteur iqis li l-Protokoll il-ġdid huwa konformi mal-objettivi tal-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd: dan isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u Greenland. Huwa jippromwovi qafas ta' sħubija li fih tiġi żviluppata politika tas-sajd sostenibbli u sfruttament responsabbli tar-riżorsi tal-ħut fiż-żona tas-sajd ta' Greenland. Dan huwa fl-interess taż-żewġ Partijiet, bi qbil mal-miżuri rilevanti ta' preservazzjoni u ġestjoni u fi ħdan il-limiti tal-eċċess disponibbli.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-rapporteur jirrakkomanda l-approvazzjoni min-naħa tal-PE.

Madankollu, huwa importanti li jiġi nnutat li, filwaqt li l-objettivi ġenerali huma koerenti, is-sajd tal-UE fil-Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd immira stokkijiet li huma sfruttati żżejjed u/jew ikkontribwixxa għal qbid li jeċċedi l-pariri prekawzjonarji. Bħala tali hemm każijiet fejn l-impatti reali tal-Ftehim ma ssodisfawx bis-sħiħ l-objettivi tal-PKS, il-pariri xjentifiċi tan-NAFO u l-ICES kif ukoll l-objettivi tal-Ftehim stess.

Ir-rapporteur jiġbed l-attenzjoni għal xi aspetti li għandhom jittejbu abbażi tal-analiżi tal-Protokoll preċedenti, inkluż:

- It-tiġdid tal-Protokoll għandu jservi biex jiżdiedu l-benefiċċji f'termini ta' sfruttament sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u biex jissolvew diffikultajiet operattivi attwali;

- Qed jiġi suġġerit li jiġu segwiti aħjar il-pariri xjentifiċi u l-prinċipju ta' eċċess disponibbli billi jitqies ukoll l-użu mill-Istati Membri u l-interessi tl-UE fl-arranġamenti ta' sajd mas-sħab tat-Tramuntana;

- Għandu jkun hemm iktar kontroll u aġġustament fil-kumpens finanzjarju tal-UE, skont evalwazzjoni ex post tal-Protokoll.

Skont l-analiżi reċenti min-naħa tal-Qorti tl-Awdituri tal-Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd[1], għalkemm il-Qorti eżaminat biss erbgħa mit-tnax-il ftehim fis-seħħ, mhux inkluż dak bejn l-UE u Greenland, ir-rapporteur jixtieq jenfasizza l-osservazzjonijiet min-naħa tal-Qorti u jissottolinja l-importanza ta' informazzjoni affidabbli dwar l-istokkijiet tal-ħut u data dwar il-qbid sabiex jiġu rispettati l-prinċipji u l-objettivi tal-PKS u tal-Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd u sabiex jinsiltu konklużjonijiet robusti fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-Ftehimiet.

B'mod ġenerali, ir-rapporteur jiddispjaċih li l-Parlament Ewropew għandu rwol limitat fl-adozzjoni tal-Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd permezz biss tal-proċedura tal-approvazzjoni; jemmen li l-Parlament Ewropew għandu jkollu rwol iktar attiv u għandu jiġi infurmat immedjatament u bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-proċeduri li jikkonċernaw il-Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd jew it-tiġdid tagħhom, sabiex tiżdied it-trasparenza u l-affidabilità demokratika tal-protokolli.

[1] Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri tal-UE: "Are the Fisheries Partnership Agreements well managed by the Commission?" , Luxembourg Publication Office (Ottubru 2015)

16.2.2016

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra
(11634/2015 – C8-0377/2015 – 2015/0152(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Tomáš Zdechovský

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Abbażi ta' mandat mogħti lilha mill-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea f'isem l-Unjoni, innegozjat mal-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern ta' Greenland bil-ħsieb li jiġġedded il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u dawn iż-żewġ entitajiet territorjali. Il-Protokoll attwali li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2015. Wara dawn in-negozjati, Protokoll ġdid ġie inizjalat fl-20 ta' Marzu 2015.

Il-Protokoll il-ġdid huwa konformi mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd, isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u Greenland u jippromwovi qafas ta' sħubija għall-iżvilupp ta' politika sostenibbli tas-sajd u għall-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Greeenland, fl-interess taż-żewġ Partijiet.

Il-Protokoll tas-Sajd għandu jkopri perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja – jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu u mhux qabel l-1 ta' Jannar 2016. Il-Protokoll jagħti opportunitajiet tas-sajd għal bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Greeenland, skont il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni rilevanti u fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Għal dan l-għan, il-Protokoll jistabbilixxi livell annwali indikattiv ta' opportunitajiet tas-sajd mogħtija minn Greenland (f'tunnellati) għal bastimenti tal-Unjoni.

Il-Protokoll jipprevedi kontribuzzjoni finanzjarja annwali totali ta' EUR **17 799 978** fis-sena sakemm jibqa' fis-seħħ. Dan l-ammont jikkorrispondi għal:

• EUR 13 168 978 fis-sena għall-aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Greenland;

• EUR 2 931 000 fis-sena, li jikkorrispondi għal pakkett addizzjonali mħallas mill-UE bħala appoġġ għall-politika tas-sajd ta' Greenland u

• EUR 1 700 000 bħala riżerva annwali għal opportunitajiet tas-sajd addizzjonali u ġodda li, soġġetta għal parir xjentifiku u riżorsi żejda, tista' tiġi aċċettata mill-UE.

Iż-żewġ Partijiet qablu li jikkooperaw biex jimplimentaw il-politika settorjali tas-sajd ta' Greenland u għal dan il-għan se jkomplu d-djalogu dwar il-politika rigward l-ipprogrammar rilevanti. Saru dispożizzjonijiet speċifiċi għall-istabbiliment ta' prinċipji marbuta mal-ġestjoni responsabbli tas-sajd. Hemm ukoll dispożizzjoni għal programm ta' sajd sperimentali għal speċi li mhumiex inklużi fil-Protokoll, kif ukoll il-kooperazzjoni xjentifika dwar l-użu sostenibbli tas-sajd.

******

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	15.2.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 –: 1 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Monika Hohlmeier, Bernd Kölmel, Vladimír Maňka, Clare Moody, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Paul Rübig, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Stanisław Ożóg, Andrej Plenković, Pavel Poc, Marco Valli, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jarosław Wałęsa

18.2.2016

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra
(11634/2015 – C8-0377/2015 – 2015/0152(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Stelios Kouloglou

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Greenland hu wieħed mis-26 Pajjiż u Territorju extra-Ewropej koperti mill-Parti IV tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-ekonomija tiegħu hi dipendenti ħafna fuq is-settur tas-sajd, li hu t-tieni l-akbar settur fi Greenland.

L-implikazzjonijiet tal-iżvilupp tas-soċjetà għall-klima, għall-ambjent u għan-natura għandhom jiġu kkunsidrati, peress li ż-żoni Artiċi huma vulnerabbli ħafna u uniċi fir-rigward tal-flora u l-fawna. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom ikunu konformi mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni rilevanti.

Barra minn hekk, dan il-Protokoll għandu jkun konformi mad-Dikjarazzjoni dwar is-Sajd fl-Artiku, li ġiet iffirmata f'Oslo fis-16 ta' Lulju 2015, li tillimita s-sajd kummerċjali fl-Oċean Artiku ċentrali sabiex jiġi ggarantit il-ħarsien tal-ekosistema fraġili tal-Artiku.

Dan il-protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' ħames snin li jibda minn meta jiġi ffirmat u jipprovdi għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 17 799 978 kull sena. Il-Protokoll għandu jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u Greenland u jippromwovi l-iżvilupp ta' politika sostenibbli tas-sajd u l-isfruttar responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Greenland. Huwa ftehim li jkopri għadd ta' speċji u li jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz, għar-redfish pelaġiku, għar-redfish demersali, għall-ħalibatt, għall-gamblu tat-Tramuntana, għall-kapelin u għall-grenadier.

Ir-rapporteur huwa tal-fehma li għandhom jiġu promossi prattiki sostenibbli tas-sajd biex tiġi ssalvagwardjata l-produttività fit-tul tas-sajd lokali fi Greenland u tiġi appoġġata l-politika tas-sajd ta' Greenland. F'dan ir-rigward, il-liċenzji tas-sajd għandhom ikunu aktar strettament kondizzjonali fuq l-użu tal-forza tax-xogħol lokali u ta' kumpaniji lokali. Dawn

jimmassimizzaw il-valur għan-nies ta' Greenland.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja marbuta mal-ftehim ta' sħubija dwar is-sajd għandha tappoġġa s-sostenibbiltà ta' Greenland fis-settur tas-sajd u tappoġġa lil Greenland billi jiġu żviluppati u jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg lokali fis-settur tas-sajd lokali.

******

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu lid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Awtonomu ta' Greenland, min-naħa l-oħra.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	17.2.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Louis Aliot, Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Nirj Deva, Doru-Claudian Frunzulică, Nathan Gill, Charles Goerens, Enrique Guerrero Salom, Heidi Hautala, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Arne Lietz, Linda McAvan, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Pedro Silva Pereira, Davor Ivo Stier, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Rainer Wieland, Anna Záborská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Juan Fernando López Aguilar, Jan Zahradil, Joachim Zeller

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

Data tal-adozzjoni	22.3.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 18 –: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, Diane Dodds, João Ferreira, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Ulrike Rodust, Remo Sernagiotto, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa